MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 953/2008

**C & H Bartoli Ltd (C393)**

**vs**

**Mark Weatherall (ID 24913A) u martu**
**Adrienne Weatherall (ID 110493M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, mija u sitta u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€1,126.30), rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ catering equipment mibjugh u kkonsenjat lilhom f’diversi okkazzjonijiet kif jidher mis-statement unit mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A.

Illi l-konvenuti ghalkemm ghamlu hafna promessi ta’ hlas ma hallsu xejn.

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal illi l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu s-somma ta’ elf, mija u sitta u ghoxrin Euro u tletin centezmi (€1,126.30) dovuta lill-kumpanija attrici ghar-ragunijiet fuq imsemmija bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-31 ta’ Lulju, 2006 data tal-ahhar invoice, bl-ispejjez tal-ittra legali tas-26 ta’ Settembru, 2008 (kopja taghha unit mal-avviz tat-talba u mmarkat bhala Dok B) u bl-ispejjez tal-Mandat kawtelatorju prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontestwalment ma’ dan l-att u bl-ispejjez tal-prezenti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Anna Antinidio li konfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici li biha riduciet t-talba ghal elf u sitta u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€1,026.30) stante pagament fil-mori tal-kawza u zzomm ferm il-kap tal-ispejjez u l-ispejjez tal-Mandat kawtelatorja kif ukoll l-imghax.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu is-somma ta’ elf u sitta u ghoxrin Euro u tletin centezmi (€1,026.30), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------